



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10647/22

ECOFIN 669
UEM 185
SOC 400
EMPL 271

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2022 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2022 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, kif approvat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fid-29-30 ta' Ġunju 2022.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analizzijiet fil-fond tal-2022 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. IFAKKAR li l-ekonomija tal-UE qed tirkupra mill-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li għad hemm bosta inċertezzi li qed jiżiedu, b'mod partikolari minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi u impatti oħra mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza permezz tar-riformi u l-investimenti ppjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza hija kruċjali, u żżid ir-reżiljenza tal-ekonomiji tal-UE, ittejjeb it-tkabbir potenzjali u tnaqqas il-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi.
2. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koordinazzjoni kontinwa mill-qrib tal-politika ekonomika tal-UE, inkluż l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jxekklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea inġenerali. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-analizzijiet fil-fond tal-2022 fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
3. JIRRIKONOXXI li bl-irkupru matul l-2021, l-iżbilanċi makroekonomiċi b'mod ġenerali reġgħu bdew jonqsu, wara rigressjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19, iżda f'ambjent ta' inċertezza kbira. JINNOTA li l-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku għall-PDG għadhom għoljin u fil-biċċa l-kbira 'l fuq mil-livelli tagħhom ta' qabel il-COVID-19 (minkejja xi tnaqqis), l-aktar minħabba l-impatt tar-reċessjoni kkawżata mill-pandemija u minħabba l-appoġġ pubbliku neċessarju biex jittaffa l-impatt tax-xokk u biex tiġi sostnuta l-ekonomija. JIEĦU NOTA tal-eteroġeneità tal-iżviluppi tad-dejn privat fl-Istati Membri kollha. Minkejja li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri d-dejn privat naqas fl-2021, f'bosta każijiet dan għadu għoli u ogħla mil-livelli ta' qabel il-COVID-19. JISSOTTOLINJA li ż-żieda fil-prezzijiet tpoġġi pressjoni fuq id-dħul reali, li flimkien ma' kondizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti u volatilità fir-rata tal-kambju jistgħu jkunu ta' piż fuq is-servizzjar tad-dejn mill-korporazzjonijiet, l-unitajiet domestiċi u l-gvernijiet, li għandu jkun immonitorjat b'mod aktar rigoruż fil-futur.

4. JAGĦRAF li l-pożizzjonijiet esterni qed jergħu jitjiebu. Id-defiċits fil-kont kurrenti ta' xi pajjiżi debituri netti b'setturi tat-turiżmu transfruntiera sinifikanti naqsu xi ftit, iżda xorta jaqbżu l-livelli taġġhom ta' qabel il-COVID-19. JINNOTA li surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti f'xi Stati Membri jippersistu minkejja xi tnaqqis temporanju matul il-pandemija, potenzjalment b'rilevanza transfruntiera. Il-biċċa l-kbira tal-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti negattivi kbar bdew jitjiebu fl-2021. JIRRIKONOXXI li prezzijiet oġġla tal-importazzjoni tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi x'aktarx li jaffettwaw il-bilanċi tal-kontijiet kurrenti. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jsir monitoraġġ mill-qrib tat-tkabbir fil-pagi u l-iżviluppi fl-inflazzjoni li jistgħu jqajmu tħassib dwar il-kompetittività, inkluż fiż-żona tal-euro.

5. JIEĦU NOTA taż-żieda qawwija fil-prezzijiet tad-djar f'bosta Stati Membri, b'domanda qawwija meta mqabbel ma' provvista limitata. JAGĦRAF li l-unitajiet domestiċi u l-banek jistgħu juru vulnerabbiltà akbar għal korrezzjonijiet 'l isfel tal-prezzijiet tad-djar, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jikkombinaw sinjali qawwija ta' sopravvalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar ma' dejn għoli u li qed jiżdied tal-unitajiet domestiċi.

6. JIRRIKONOXXI r-reżiljenza tas-settur bankarju matul il-pandemija u warajha, bis-saħħa ta' riformi fil-passat. JAGĦRAF li fuq terminu qasir il-volatilità tal-bonds sovrani tista' tikkostitwixxi vulnerabbiltà potenzjali, li tirrikjedi monitoraġġ mill-qrib. JINNOTA li l-Istati Membri b'livell għoli ta' self li ma jrendix komplew inaqqis, xi drabi b'mod sostanzjali.

7. JAPPELLA għal viġilanza u għal azzjoni politika f'waqtha, kif meħtieġ, fir-rigward tar-rati ta' inflazzjoni li qed jogħlew ħafna, prinċipalment xprunati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, minn interruzzjonijiet fil-provvista kif ukoll minn domanda qawwija, biex jiġu protetti l-aktar gruppi vulnerabbli b'mod immirat u temporanju, u biex jiġi evitat id-deterjorament ta' żbilanċi makroekonomiċi u t-tfaċċar taġġhom. JISSOTTOLINJA l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi attwali relatati mat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, inkluż it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u ċ-ċaqliq tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili lil hinn mir-Russja, għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekonomiji tal-UE u t-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi attwali u futuri.

8. JAQBEL mal-analiżi tal-Kummissjoni fir-reviżjonijiet fil-fond tal-2022 li l-Irlanda u l-Kroazja m'għadhomx jesperjenzaw żbilanċi. JIRRIKONOXXI li l-proporzjonijiet tad-dejn mal-PDG naqsu b'mod sinifikanti matul is-snin f'dawn l-Istati Membri u għadhom juru dinamika qawwija 'l isfel. JAQBEL li l-Greċja, l-Italja u Ċipru qed ikomplu jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi. JAQBEL li l-Ġermanja, Spanja, Franza, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja qed ikomplu jesperjenzaw żbilanċi.

9. IQIS li l-analiżijiet fil-fond tal-2022 jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni tal-pajjiż f'kull Stat Membri taħt analiżi. JINNOTA li l-Kummissjoni użat għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija. JILQA' l-importanza akbar ta' analiżi progressiva fil-kuntest tal-inċertezzi kbar attwali u l-valutazzjoni tal-politiki rilevanti. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja kontinwa tal-valutazzjoni tal-effetti konsegwenzjali bejn il-pajjiżi.

10. JISSOTTOLINJA li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku hija proċedura ċentrali fi ħdan is-Semestru Ewropew. JAPPELLA li titkompla l-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż il-monitoraġġ mill-qrib tal-iżbilanċi ġodda eżistenti u ta' dawk emerġenti possibbli, li jiddistingwu bejn fatturi ċikliċi u strutturali, u tal-progress u l-ħtiġijiet tal-politika. JENFASIZZA l-importanza ta' rieżamijiet multilaterali komprensivi regolari u f'waqthom tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-ħtieġa li jiġu inkorporati aktar analiżijiet tas-sensittività biex jiġi kkunsidrat l-ambjent globali imprevedibbli u li qed jinbidel malajr. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami tal-governanza ekonomika, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jerġa' jibda l-kalendarju tradizzjonali tas-Semestru Ewropew, inkluż il-pubblikazzjoni bikrija ta' analiżijiet fil-fond.

11. ITENNI li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tiġi sfruttata bis-sħiħ u b'mod trasparenti u konsistenti, filwaqt li tiġi żgurata s-sjieda tal-proċedura mill-Istati Membri, inkluż l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv fejn xieraq. JINNOTA li fiċ-ċirkostanzi attwali, il-Kummissjoni qieset li mhuwiex xieraq li tniedi l-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv. ISOSTNI li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tippromponi lill-Kunsill il-ftuħ tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, din għandha tispjega r-raġunijiet tagħh b'mod ċar u pubblikament. IFAKKAR li l-Kunsill ser jiddiskuti l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku bħala parti mir-rieżami tal-governanza ekonomika.
